MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 166/2005

**Master Distributors Limited (C-2837)**

**vs**

**Emanuel Mamo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u sittin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm168.28) ammont dovut lis-socjeta` attrici ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fis-Savannah Snack Bar fil-25 ta' Marzu, 2004 u diversi dati qabel.**
**Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra legali tat-13 ta' Settembru, 2004 u tas-7 ta' Ottubru, 2004, u bl-imghax legali mill-25 ta' Marzu, 2004 data ta' l-ahhar konsenja**

**sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-28 ta' Frar, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma prezentata risposta, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tmienja u sittin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm168.28) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-25 ta' Marzu, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' Settembru, 2004 u tas-7 ta' Ottubru, 2004, ghandhom jigu sopportati mil-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------